MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2006

Rikors Numru. 940/2004

**Maltacom plc**

**vs**

**Joseph Bunni**

Il-Qorti

Rat ir-rikors fejn is-socjeta rikorrenti Maltacom p.l.c. ippremettiet:-

Illi l-kawza fl-ismijiet fuq premessi (Citazzjoni numru 2910/97 RCP) giet deciza minn din il-Qorti fis-27 ta' Jannar 1999, u fl-istess kawza l-konvenut gie kkundannat ihallas lis-socjeta kummercjali Maltacom plc s-somma ta'

Lm 14099.75 (erbatax-il elf disa’ u disghin lira mltin u hamsa u sebghin centezmu), in konnessjoni mas-servizzi telefoniku numru 376294, bl-imghax u bl-ispejjez;

Illi mill-imsemmija somma l-konvenut hallas biss is-somma ta’ Lm1120 (elf mija u ghoxrin lira maltin), u b’hekk l-ammont dovut fil-mument, huwa ta’ Lm12979.75 (tnax-il elf disa’ mija u disa’ u sebghin lira maltin u hamsa u sebghin centezmu), oltre Lm817.16 (tmien mija u sbatax-il lira maltin u sittax-il centezmu) spejjez u drittijiet professjonali skond l-annessa taxxa mmarkata Dokument “A” kif ukoll Lm5884.15 (hamest elef tmien mija u erba u tmenin lira maltin u hmistax-il centezmu), imghax legali kalkolat bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena mid-data tas-sentenza sas-27 ta’ Settembru, 2004, u ghalhekk l-ammont dovut lill-esponenti huwa ta’ Lm 19681.06 (dsatax il-elf sitt mija u wiehed u tmenin lira maltin u sitt centezmi), salv kull imghax ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv;

Illi mid-data tas-sentenza ghaddew aktar minn hames (5) snin u s-socjeta esponenti ghandha interess illi tipprocedi permezz tal-mandati opportuni sabiex tigbor l-ammont lilha dovut;

Ghalhekk is-socjeta rikorrenti, filwaqt illi ghamlet referenza ghall-artikolu 258 et sequitur tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta) talbet li dina l-Qorti tawtorizzaha tipprocedi bil-mandati opportuni sabiex tesegwixxi s-sentenza fl-ismijiet fuq indikati;

Rat li l-konvenut debitament notifikat naqas li jidher u naqas li jippresenta r-risposta tieghu;

Semghet lix-xhud prodott mis-socjeta rikorrenti;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza;

Ikkonsidrat:

Mill-kumpless tal-provi prodotti t-talbiet tas-socjeta rikorrenti jirrizultaw sufficjentement pruvati u ghalhekk l-istess talbiet jimmeritaw li jigu akkolti;

Ghal dawn il-motivi :

Tiddeciedi billi tilqa t-talbiet kollha tas-socjeta rikorrenti;

Spejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------